MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 311/2005

**Montaldo Insurance Agency Limited (C 1052) bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghhas Analise Caruana u l-istess Analise**

**Vs**

**Godwin Young**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Jannar 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm500 (hames mitt Lira Maltin) dovuti ghal danni kkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh gewwa l-Fgura nhar il-25 ta' April 2004.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici is-somma da liquidarsi f’ammont li ma jeccedix il-hames mitt Lira Maltin (Lm500) dovuti b’rizultat ta’ l-incident stradali li sehh fil-25 t’April 2004 fi pjazza Reggie Miller, Fgura waqt li l-istess konvenut kien qed isuq il-vettura DOG 012 ta’ propjeta` tirghu stess u dahal gol-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni TFD 878 propjeta` ta’ Analise Caruana u misjuqa minn Jesmond Caruana ghal-liema incident kien unikament responsabbli il-konvenut kawza ta’ imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment ma dawn il-proceduri u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Dak li talbu l-atturi ghandu, fil-konfront tal-eccipjent jigi michud ghax ghall-incident stradali de quo ma kienx jahti hu.

Dan l-Avviz hu konness ma dak 2398/04JB Untours vs Jesmond Caruana li hu differit ghas-26.IV.05.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi hija kollizjoni sintomatika fejn l-unici xhieda prezenti ghal kollizjoni in ezami huma zewg (2) sewwieqa stess minghajr xi terza persuna estranea.

Illi huwa l-oneru ta’ min jallega li jrid jipprova l-kaz tieghu fuq bilanc ta’ probabilitajiet, mhux semplicement ta’ possibilita. It-Tribunal irid jixtarr l-versjonijiet u jiddeciedi fuq il-verosimilita o meno taghhom. Caruana jghid li kien ghaddej, Young qala mill-parkegg u laqtu. Young jallega li kien miexi bil-mod, Caruana qalghu u dahal go fih.

Kif jidher mir-ritratt JC1, esibit a Fol 12 tal-process, it-triq ma tippermettix zewg vetturi li jinstaqu jew f'direzzjoni opposta jew fejn xulxin pero` mexjin flimkien u dana meta hemm vetturi pparkjati fuq kull naha tat-triq.

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet li Caruana qabez il-vettura misjuqa mill-konvenut. Biex tinqabez, kienet mal-genb tat-triq vicin mal-bankina. Kif stqarru t-tnejn li huma, Young ma kien qatt qabel Caruana fit-triq.

Jista jkun li waqt li kien miexi bil-mod mal-genb ifittex parkegg, u baqa miexi u ma nnotax lil Caruana ghaddej minn hdejh? Biex ghaddieh, Young ma kienx quddiemu ghax kieku ma setax jaqbez. Young ma kienx qed jaghti attenzjoni debita x'kien qed jaghmel u/jew jissuciedi fit-triq billi kien aktar mohhu biex jipparkja. Ma zammx *a proper look out* fuq il-lemin tieghu b'xi vettura li jistghu kienu qed jiccirkolaw.

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi accettat.

Jiddeciedi billi jilqa` t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u jikkundannah ihallas is-somma ta' Lm310.41 (tlett mija u ghaxar Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu) lis-socjeta attrici, Lm75 (hamsa u sebghin Lira Maltin) *excess* lill-attrici bl-ispejjes u interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------